



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 22.9.2006
COM(2006) 232 finali

2006/0086 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ħamrija u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE

(imressqa mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Il-ħamrija essenzjalment hija riżorsa li ma tiġġeddidx u sistema dinamika ħafna li taqdi diversi funzjonijiet u tagħti servizzi li huma essenzjali għall-attivitajiet tal-bniedem u għas-sopravivenza ta' l-ekosistemi. It-tagħrif disponibbli jagħti x'wieħed jifhem li, fl-aħħar għexieren ta' snin, il-proċessi tat-tħarbit tal-ħamrija żdiedu b'mod sinifikanti, u hemm evidenza li turi li sejra sseħħ żieda ulterjuri jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni.

Minkejja li l-*acquis* Komunitarju fih dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-ħamrija, ma hemm l-ebda leġislazzjoni tal-Komunità speċifikament dwarha. Din il-proposta għandha l-għan li timla din il-lakuna, u li tistabbilixxi strateġija komuni għall-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-ħamrija, fuq il-bażi tal-prinċipji ta' l-integrazzjoni ta' din it-tema f'politiki oħra, il-konservazzjoni tal-funzjonijiet tal-ħamrija fil-kuntest ta' l-użu sostenibbli, il-prevenzjoni tat-theddidiet għall-ħamrija u t-trażżin ta' l-effetti tagħhom, kif ukoll ir-restawr ta' ħamrija mħarbita għal livell ta' funzjonalità li jkun talanqas konsistenti ma' l-użu preżenti u dak approvat għall-ġejjieni.

- **Il-kuntest ġenerali**

Il-ħamrija tinsab dejjem aktar taħt pressjoni ambjentali mal-Komunità kollha, pressjoni li toriġina jew inkella tissaħħaħ mill-attivitajiet tal-bniedem, bħalma huma metodi mhux f'lokhom fl-agrikoltura u l-kultivazzjoni tal-foresti, attivitajiet industrijali, it-turiżmu jew l-iżvilupp urban. Dawn l-attivitajiet qegħdin jgħarrqu l-kapaċità tal-ħamrija li tkompli taqdi bis-sħiħ il-varjetà wiesgħa tal-funzjonijiet kruċjali tagħha. Il-ħamrija hija riżorsa ta' interess komuni għall-Komunità, minkejja li, fil-parti l-kbira tagħha, hija proprjetà privata, u n-nuqqas tal-protezzjoni tagħha sejjer inawwar is-sostenibbiltà u l-kompetittività fit-tul ta' l-Ewropa. Barra minn hekk, it-tħarbit tal-ħamrija għandu impatti qawwija fuq oqsma oħra ta' interess komuni għall-Komunità, bħalma huma l-ilma, is-saħħa umana, it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tan-natura u tal-bijodiversità, u s-sikurezza ta' l-ikel.

Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tat-22 ta' Lulju 2002 li tniżżel is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità jinkludi l-għan tal-protezzjoni tar-riżorsi naturali u l-promozzjoni ta' l-użu sostenibbli tal-ħamrija. Hemmhekk il-Komunità kkommettiet ruħha għall-adozzjoni ta' Strateġija Tematika dwar il-protezzjoni tal-ħamrija biex twaqqaf u treġġa' lura t-tħarbit tal-ħamrija.

Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' l-2002 "Lejn Strateġija Tematika dwar il-Protezzjoni tal-Ħamrija" (COM(2002) 179), il-Kummissjoni identifikat it-tmien theddidiet ewlenin li qed tiffaċċa l-ħamrija fl-UE. Dawn huma l-erożjoni, it-tnaqqis fil-materja organika, il-kontaminazzjoni, is-salinizzazzjoni, il-kompattazzjoni, it-telfien tal-bijodiversità, l-issiġillar, iż-żerżiq minn għub l-għoljiet u l-għargħar.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Il-ħamrija, sal-lum, qatt ma tqiegħdet taħt politika ta' protezzjoni speċifika fuq il-livell Komunitarju. Xi aspetti tal-protezzjoni tal-ħamrija jinsabu mxerrda 'l hawn u 'l hinn fl-

acquis, u għaldaqstant miżuri differenti Komunitarji jistgħu jagħtu kontribut għall-ħarsien tal-ħamrija. Dan jgħodd fil-każ ta' bosta dispożizzjonijiet fil-leġislazzjoni ambjentali Komunitarja eżistenti f'oqsma bħalma huma l-ilma, l-iskart, il-kimika, il-prevenzjoni tat-tniġġis industrijali, il-pestiċidi u l-protezzjoni tan-natura. Effetti pożittivi fuq il-qagħda tal-ħamrija agrikola wkoll mistennija jgħorġu mill-introduzzjoni fil-Politika Agrikola Komuni rriformata ta' rekwiżiti ta' kundizzjonalità marbuta ma' aspetti tal-protezzjoni tal-ħamrija fl-agrikoltura, kif ukoll mill-kontribut ta' l-Iżvilupp Rurali. Madankollu, minħabba l-għanijiet u l-ambiti differenti tagħhom, u l-fatt li sikwit ikollhom l-għan li jħarsu *media* ambjentali oħra, id-dispożizzjonijiet eżistenti, anki meta jkunu implimentati bis-sħiħ, lill-ħamrija jagħtuha protezzjoni frammentata u parzjali, minħabba li la jkopru kull tip ta' ħamrija u lanqas it-theddidiet kollha li din tiffaċċa. Għalhekk, it-tħarbit tal-ħamrija jkompli għaddej.

- **Il-konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra ta' l-Unjoni**

Il-leġislazzjoni proposta, li għandha l-għan li tipproteġi l-ħamrija u tikkonserva l-kapaċità tagħha li taqdi l-funzjonijiet ambjentali, ekonomiċi, soċjali u kulturali, hija għal kollox konformi ma' l-għanijiet ta' l-Artikolu 174 tat-Trattat tal-KE. Tqis id-diversità tal-qagħdiet fir-reġjuni varji tal-Komunità. Tissejjes fuq il-prinċipju ta' prekawżjoni u fuq il-prinċipji li l-azzjoni preventiva għandha tittieħed, li l-ħsara ambjentali għandha tisewwa f'ras il-ġajn, bi prijetà, u li min iniġġes għandu jħallas. Tibbaża fuq analiżi tal-benefiċċji u l-ispejjeż potenzjali ta' l-azzjoni jew tan-nuqqas tagħha, kif ukoll ir-rispett ta' l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Komunità kollha kemm hi, u l-iżvilupp ekwilibrat tar-reġjuni tagħha.

2) IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-EVALWAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

il-Metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenija fil-mira u l-profil ġenerali ta' min irrisponda

Il-Komunikazzjoni ta' l-2002 kienet is-suġġett ta' konklużjonijiet favorevoli mill-Istituzzjonijiet Ewropej l-oħra, li għarfu li l-ħamrija għandha rwol ewlieni f'dik li hija s-sostenibbiltà fit-tul fil-Komunità.

Minn Frar 2003 'l quddiem, il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni miftuħa mal-partijiet interessati, u stabbiliet pjattaforma wiesgħa ħafna ta' aktar minn 400 membru, maqsuma f'ħames Gruppi ta' Ħidma u Forum Konsultattiv, bi rwol ta' tmexxija. F'Ġunju 2004, il-Gruppi ta' Ħidma spiċċaw ir-rapporti komprensivi ħafna tagħhom, li inkludew tagħrif dwar il-qagħda ta' tipi differenti ta' ħamrija fl-Ewropa, il-pressjonijiet u l-forzi li jwasslu għat-tħarbit tal-ħamrija u sett ta' rakkomandazzjonijiet, indirizzati lill-Kummissjoni, għall-iżvilupp ta' politika fuq il-livell Komunitarju dwar il-ħamrija.

F'Novembru 2004, il-Presidenza Olandiża tal-Kunsill u l-Kummissjoni flimkien organizzaw konferenza li gābret flimkien l-Istati Membri u l-parteċipanti fil-proċess tal-konsultazzjoni tal-persuni interessati, li esprimew appoġġ qawwi għal approċċ ta' qafas imsejjes fuq l-azzjoni Komunitarja.

Għal tmien ġimgħat, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika permezz ta' l-Internet, dwar elementi possibbli għall-inklużjoni fl-Istrateġija Tematika dwar il-

Protezzjoni tal-Ħamrija. Din il-konsultazzjoni għabret it-tweġibiet ta' 1 206 ċittadini, 377 esperti tal-ħamrija u 287 organizzazzjoni minn 25 pajjiż.

Sommarju tar-risposti, u kif ingħatatilhom il-kunsiderazzjoni

L-ċittadini Ewropej, kif ukoll l-esperti tal-ħamrija u l-organizzazzjonijiet, fil-parti l-kbira esprimew il-fehma li l-prevenzjoni u t-taffija tat-tħarbit tal-ħamrija fl-Ewropa huma importanti jew importanti ħafna, iffavorixxew azzjoni fil-forma ta' qafas adottat fuq il-livell Komunitarju, u miżuri konkreti adottati fuq il-livelli nazzjonali jew lokali.

L-evalwazzjoni ta' l-Impatt tagħti rapport komprensiv dwar l-analiżi statistika tat-tweġibiet kollha, bit-turija wkoll tad-distribuzzjoni skond in-nazzjonalità ta' dak li rrispondew, kif ukoll tagħrif dwar kif dawn ir-reazzjonijiet ingħatatilhom il-kunsiderazzjoni.

Il-parti l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet mill-Gruppi ta' Hídma, kif ukoll il-fehmiet espressi fil-konsultazzjoni permezz ta' l-Internet, ġew inkorporati. Ma ġewx approvati is-sejthiet, li spiss saru, għal restrizzjonijiet obbligatorji fuq l-iżvilupp urban u turistiku, minħabba l-Komunità f'it għandha kompetenza tirrestrinġi l-użu ta' l-art.

• Il-ġbir u l-użu ta' l-għarfien expert

L-oqsma ta' l-għarfien expert xjentifiku kkonċernat

Ix-xjenza tal-ħamrija, ix-xjenza agronomika, il-kultivazzjoni tal-foresti, l-idroloġija, il-bijoloġija, l-ekoloġija, l-ekonomija, ix-xjenza soċjali, ix-xjenza politika.

Il-metodoloġija użata

Il-proposta tissejjes fuq l-aqwa għarfien xjentifiku u tekniku disponibbli. Dan l-għarfien expert inġabar permezz tal-konsultazzjoni komprensiva ħafna tal-partijiet interessati, u permezz ta' l-għoti ta' kuntratti għal żewġ studji indipendenti għall-evalwazzjoni ta' l-impatti soċjoekonomiċi u ambjentali tat-tħarbit tal-ħamrija, kif ukoll l-impatti ambjentali u soċjoekonomiċi tal-miżuri proposti. Ir-rapporti mfassla mill-Gruppi ta' Hídma u ppubblikati mil-Kummissjoni, din il-proposta, kif ukoll l-Evalwazzjoni ta' l-Impatt jirriflettu bis-sħiħ ir-riżultati ta' dan il-ġbir ta' l-għarfien expert.

L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin kkonsultati

Il-konsultazzjoni involviet amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, assoċjazzjonijiet industrijali, organizzazzjonijiet kummerċjali, ambjentali u tal-konsumaturi, istituti xjentifiċi u tar-riċerka, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u servizzi oħra tal-Komunità, unjins, organizzazzjonijiet tal-bdiewa u tas-sidien ta' l-artijiet agrikoli, kif ukoll bosta assoċjazzjonijiet oħra mifruxa ma' l-Ewropa kollha kemm hi u li esprimew interess fil-ħamrija.

Sommarju tal-pariri li ngħataw u ġew użati

Diġà ssemma li jeżistu riskji potenzjalment serji, b'konsegwenzi irreversibbli. Kulħadd jaqbel dwar l-eżistenza ta' dawn ir-riskji.

Kien hemm qbil unanimu li l-ħamrija għandha tiġi ggarantita l-istess livell ta' protezzjoni li jingħata lil *media* ambjentali oħra, bħall-arja jew l-ilma, minħabba li l-funzjonijiet tal-ħamrija huma ta' importanza kruċjali għas-sopravivenza tal-bniedem u ta' l-ekosistemi. Dejjem ġie enfasizzat li, minħabba l-varjabbiltà enormi tat-tipi tal-ħamrija madwar l-Ewropa, bħala bażi għall-politika Komunitarja dwar il-ħamrija ma setax jiġi adottat approċċ wieħed li jkun jgħodd għal kulħadd. Il-kotra ta' l-opinjoni kienet favur sistema flessibbli li tippermetti li jitqiesu l-ispeċifità tal-ħamrija u l-użu ta' l-art lokali. Għaldaqstant, kien hemm qbil wiesa' li, fuq il-livell Ewropew, kellu jiġi adottat qafas li jstabbilixxi għanijiet u prinċipji komuni, b'tali mod li l-Istati Membri jgħallaw jadottaw miżuri dettaljati fuq il-livell amministrattivi u ġeografiċi adegwati.

Il-mezzi użati biex il-pariri ta' l-esperti jsiru disponibbli għall-pubbliku

Ir-rapporti mfassla mill-Gruppi ta' Ħidma ġew ippubblikati mill-OPOCE u jinkisbu b'xejn minn fuq l-Internet (<http://ec.europa.eu/comm/environment/soil/index.htm>). L-istess websajt turi t-tweġibiet li l-esperti u l-organizzazzjonijiet taw għall-kwestjonarju pubbliku.

• **L-evalwazzjoni ta' l-impatt**

Ġew ikkunsidrati l-għażliet li ġejjin, f'ordni mill-anqas sa l-aktar:

- (1) Li l-Istati Membri jiġu mħajra jieħdu azzjoni taħt strateġija Komunitarja ġenerali li ma torbotx fil-liġi.
- (2) Strument ġuridiku flessibbli fis-sura ta' Direttiva ta' Qafas dwar il-ħamrija, b'ambitu ambizzjuż iżda mhux preskrittiva ż-żgħir fil-kontenut tagħha.
- (3) Proposti leġiżlattivi għat-theddiet differenti lill-ħamrija, li jstabbilixxu l-miri u l-mezzi fuq il-livell Komunitarju.

Il-Kummissjoni wettqet Evalwazzjoni ta' l-Impatt, li hija disponibbli fl-indirizz: <http://ec.europa.eu/comm/environment/soil/index.htm>. Tagħti, f'aktar dettall, ir-riżultati rigward l-impatti soċjoekonomiċi u ambjentali tal-proposta.

3) L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

• **Sommarju ta' l-azzjoni proposta**

Id-Direttiva proposta tinkludi:

- L-istabbiliment ta' qafas komuni għall-protezzjoni tal-ħamrija fuq il-bażijiet tal-prinċipji tal-konservazzjoni tal-funzjonijiet tal-ħamrija, il-prevenzjoni tat-tħarbit tal-ħamrija u t-taffija ta' l-effetti tagħha, ir-ristawr ta' ħamrija mħarbita u l-integrazzjoni f'politiki settorjali oħra.
- L-eżiġenza li l-impatt ta' xi politiki settorali fuq it-tħarbit tal-ħamrija jiġi identifikat, deskritt u evalwat, bil-għan li l-funzjonijiet tal-ħamrija jiġu protetti.
- L-esiġenza li l-utenti ta' l-art jieħdu miżuri ta' prekawzjoni meta l-użu li jagħmlu

mill-ħamrija jista' jtellfilha l-funzjonijiet b'mod sinifikanti.

- Approċċ lejn is-sigilljar tal-ħamrija biex jiġi żgurat użu aktar razzjonali ta' l-artijiet, f'konformità ma' l-Artikolu 174 tat-Trattat tal-KE, u biex kemm jista' jkun jinżammu l-funzjonijiet tal-ħamrija.
- L-identifikazzjoni taż-żoni mhedda mill-erożjoni, it-tnaqqis fil-materja organika, is-salinizzazzjoni, il-kompattazzjoni u ż-żerżiq minn ġnub l-għoljiet, u l-istabbiliment ta' programmi nazzjonali ta' miżuri. Jeħtieġ li jiġi identifikat il-qies taż-żoni mhedda b'dan il-mod. Biex jiġi żgurat approċċ koerenti u komparabbli, l-identifikazzjoni tar-riskji trid issir fuq il-bażi ta' elementi komuni. Dawn l-elementi jinkludu parametri li huma magħrufa bħala l-forzi motriċi għat-theddida partikolari li tkun. Ikollhom jiġu adottati miri għat-tnaqqis tar-riskji, kif ukoll programmi ta' miżuri biex daww il-miri jintlaħqu. Il-programmi jistgħu jibnu fuq l-istandards u l-miżuri li diġà jkunu ġew identifikati u implimentati fil-kuntatti nazzjonali u Komunitarji.
- Miżuri biex jillimitaw it-tidħil ta' sustanzi perikolużi fil-ħamrija, biex ma jitħallew x jakkumulaw fiha b'tali mod li jtellfulha l-funzjonijiet tagħha u jgħolqu riskju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.
- L-istabbiliment ta' inventarju ta' siti kkontaminati, mekkaniżmu għat-tranġar ta' siti orfni, rapport dwar il-qagħda tal-ħamrija, u l-istabbiliment ta' strateġija nazzjonali għat-tranġar tas-siti kkontaminati li jkunu ġew identifikati. L-istabbiliment ta' definizzjoni ta' sit kkontaminat u elenku ta' attivitajiet li potenzjalment iniġġsu l-ħamrija. Dawn huma l-bażijiet għall-identifikazzjoni tas-siti li potenzjalment jistgħu jiġu kkontaminati, bħala pass preliminari għall-istabbiliment ta' inventarju ta' siti li fil-fatt ikunu ġew kkontaminati. Dan ikun jista' jiġi kkompletat mill-obbligu tal-bejjiegħ jew tax-xerrej prospettivi li jipprovdu rapport dwar il-qagħda tal-ħamrija għal kwalunkwe tranżazzjoni b'artijiet li fihom tkun saret jew qed issir attività potenzjalment kkontaminanti. Dispożizzjoni simili, dwar il-prestazzjoni enerġetika ta' bini, diġà teżisti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja (ara l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/91/KE).

• Il-bażi ġuridika

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jirrelataw mal-protezzjoni ambjentali, u konsekwentement il-bażi ġuridika magħżula hija l-Artikolu 175(1) tat-Trattat tal-KE.

• Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika safejn il-proposta ma taqax fil-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għar-raġunijiet li ġejjin.

It-tarbit tal-ħamrija fi Stat Membru jew reġjun partikolari jista' jkollha effetti lil hinn minn dak it-territorju. Tabilħaqq, meta sseħħ erożjoni massiva f'pajjiż partikolari, is-sedimenti li jitgerbu ma' l-ilmijiet jistgħu jibblukaw id-digi f'pajjiż ieħor aktar 'l isfel fil-miġra tax-xmara. Bl-istess mod, flussi ta' l-ilma tal-pjan li jiġru minn pajjiż għal ieħor li għandu fruntiera miegħu jistgħu jitniġġsu minn siti kkontaminati fuq naħa

waħda tal-fruntiera. It-telfien ta' materja organika fil-ħamrija fi Stat Membru wieħed jista' jżomm lill-Komunità milli tilħaq il-miri tal-Protokoll ta' Kjoto. Dan ikun ifisser li l-ispejjeż għar-ristawr tal-kwalità ambjentali jitgħabba bihom Stat Membru differenti minn dak li fih tkun seħħet l-attività ta' tħarbit tal-ħamrija.

Diverġenzi kbar bejn is-sistemi nazzjonali tal-protezzjoni tal-ħamrija, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-kontaminazzjoni tal-ħamrija, jistgħu jimponu obbligi differenti ħafna fuq l-operturi ekonomiċi, u b'hekk joħolquhom sitwazzjoni mhux ekwilibrata għall-ispejjeż fissi tagħhom, u distorsjoni fis-suq intern.

L-assorbiment ta' kontaminanti fil-ħamrija fl-uċuħ tar-raba' maħsuba għall-ikel jew għall-għalf jista' jkollu impatt fuq il-kwalità ta' prodotti li jinbiegħu u jinxtraw liberament fis-suq intern, u b'hekk jirrappreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali. L-azzjoni f'ras il-għajn fuq il-livell Komunitarju tikkompleta l-kontrolli tal-kwalità li jsiru fuq il-livell nazzjonali bil-għan li tiġi żgurata s-sikurezza alimentari.

It-tħarbit tal-ħamrija tista' tħassar is-saħħa taċ-ċittadini Ewropej b'diversi modi, fosthom l-esponiment dirett jew indirett ta' kontaminanti il-ħamrija. Bl-istess mod, iż-żerżiq mill-ġnub ta' l-għoljiet jaf iġib miegħu bosta korrimenti.

L-azzjoni Komunitarja għandha tilħaq aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġunijiet li ġejjin.

It-tħarbit tal-ħamrija jaffettwa oqsma ambjentali oħra li hemm leġislazzjoni Komunitarja għall-protezzjoni tagħhom (pereżempju, l-ilma, in-natura, il-bijodiversità, it-tibdil fil-klima). L-azzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tal-ħamrija sejra timla l-lakuni u tiżgura protezzjoni konsistenti u effiċjenti tal-kwalità ambjentali fir-rigward tal-*media* kollha. Il-protezzjoni tal-ħamrija tagħti kontribut biex jiġi żgurati fit-tul is-sikurezza alimentari u l-produttività agrikola, li huma l-pedamenti tal-Politika Agrikola Komuni ffinanzjata mill-Komunità. L-eżistenza ta' prinċipji komuni għad-definizzjoni ta' x'jitqies bħala użu sostenibbli tal-ħamrija sejra tippermetti li l-artikolazzjoni ta' l-aġendi tar-riċerka fuq il-livell nazzjonali u Komunitarju, u b'hekk użu aktar effiċjenti tal-fondi għar-riċerka u l-iżvilupp bix jimtlew il-lakuni fl-għarfien.

Bil-ksib ta' qafas ambizzjuż u koerenti li se jissarraff f'għarfien u ġestjoni aħjar tal-ħamrija, il-Komunità jista' jkollha rwol minn ta' quddiem fl-arena internazzjonali, fejn hemm għadd ta' pajjiżi li għandhom ħtiġijiet kbar f'dak li huma t-trasferiment ta' l-għarfien Prattiku u l-għajnuna teknika.

Sal-lum, mingħajr l-azzjoni Komunitarja biex tappoġġa l-isforzi, huma biss disġha l-Istati Membri li għandhom leġislazzjoni speċifika dwar il-protezzjoni tal-ħamrija, filwaqt li l-oħrajn iserrħu fuq xi dispożizzjonijiet f'politiki oħra biex jikkonservaw il-ħamrija. Fil-kotra tagħhom, id-dipożizzjonijiet nazzjonali eżistenti jittrattaw il-problema tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija, u, filwaqt li jagħrfu li hemm theddididiet oħra, hemm nuqqas ta' enfasi fuq il-konservazzjoni usa' tal-funzjonijiet tal-ħamrija. L-aqwa indikatur biex jintwera kif dan il-għan jista' jintlaħaq aħjar permezz ta' azzjoni komuni Komunitarja huwa l-fatt li l-progress li sar fl-iżgurar ta' użu sostenibbli jvarja enormement bejn l-Istati Membri.

Il-proposta għandha l-għan li tilħaq prinċipji, miri u azzjonijiet komuni għall-Istati Membri kollha biex tiżgura kundizzjonijiet ugwali u tiżgura li l-Istati Membri kollha

jitrattaw it-theddiet li l-ħamrija qed tiffaċċa fit-territorju nazzjonali tagħhom, u mhux jindirizzaw il-protezzjoni tal-ħamrija b'mod parzjali.

Il-proposta għaldaqstant tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

L-istrument propost huwa Direttiva li tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ħamrija u l-konservazzjoni tal-funzjonijiet tagħha. Biex il-proporzjonalità tiġi żgurata, qed jitħalla spazju wiesa' biex l-Istati Membri, fil-livelli ġeografiċi u amministrattivi li l-aktar ikunu f'lokhom, jidentifikaw il-miżuri speċifiċi li l-aktar li jkunu jgħoddu għalihom. Dan huwa ta' importanza kruċjali biex jiġi żgurat li l-ispeċifikaċijiet lokali rigward il-varjabbiltà tal-ħamrija, l-użi ta' l-art, il-kundizzjonijiet klimatoloġiċi lokali u l-aspetti soċjoekonomiċi jingħatalhom il-qies kollu mistħoqq.

Il-livell ta' l-intervent għandhom jiddeċiduha l-Istati Membri, b'tali mod li jsir użu aktar effiċjenti tal-kapaċitajiet amministrattivi nazzjonali tagħhom. Se jqumu xi obbligi amministrattivi u finanzjarji addizzjonali, partikolarment għall-Istati Membri li ma ttrattawx il-protezzjoni tal-ħamrija fuq il-livelli nazzjonali u reġjonali. Madankollu, il-benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-miżuri, kif deskritti fl-Evalwazzjoni ta' l-Impatt, jisbqu b'mod sinifikanti l-ispejjeż involuti.

- **L-għażla ta' strument**

Strument propost: Direttiva ta' Qafas.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġunijiet li ġejjin.

Strument aktar preskrittiv, bħal Regolament, ma jippermettx li l-varjabbiltà tal-ħamrija tingħata l-qies li jistħoqqilha, u ma jippermettix il-flessibbiltà meħtieġa biex jiġu riflessi l-kundizzjonijiet lokali. Mil-lat l-ieħor, strument li ma jorbotx fil-liġi ma jiżgurax l-użu sostenibbli ta' riżorsa naturali komuni madwar l-Ewropa kollha, u ma jipprevjenix id-distorsjoni tal-kompetizzjoni li joħolqu sistemi nazzjonali diverġenti ħafna.

4) EFFETTI FUQ IL-BAĠIT

Il-proposta ma għandha l-ebda effett fuq il-bagıt tal-Komunità.

5) AKTAR TAGĦRIF

- **Klawżola ta' eżami/reviżjoni/estinzjoni**

Il-proposta tinkludi klawżola ta' reviżjoni.

- **Tabella ta' korrelazzjoni**

L-Istati Membri huma obbligati jinnotifikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni

bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

Din il-proposta tolqot kwistjoni rilevanti għaż-ŻEE, u għalhekk għandha testendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

E-13860

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ħamrija u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali²,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni³,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁴,

Billi:

- (1) Il-ħamrija essenzjalment hija riżorsa li ma tiġġeddidx, minħabba li r-rati ta' tħarbit jistgħu jkunu rapidi ħafna, filwaqt li l-proċessi ta' formazzjoni u riġenerazzjoni jseħħu estremament bil-mod. Hija sistema dinamika ħafna li taqdi bosta funzjonijiet u tagħti servizzi li huma essenzjali għall-attivitajiet tal-bniedem u s-sopravivenza ta' l-ekosistemi. Dawn il-funzjonijiet tal-ħamrija huma li tipproduċi l-bijomassa, taħżen, tiffiltra u tittrasforma n-nutrijenti u l-ilma, tospita l-ġabra tal-bijodiversità, isservi bħala pjattaforma għall-parti l-kbira ta' l-attivitajiet tal-bniedem, tipprovdi l-materja prima, taħżen il-karbon u tikkonserva l-wirt ġeoloġiku u arkeoloġiku.
- (2) It-tħarbit jew it-titjib tal-ħamrija għandhom impatt kbir fuq oqsma oħra ta' interess Komunitarju, bħall-protezzjoni ta' l-ilmijiet tal-wiċċ u tal-pjan, is-saħħa tal-bniedem, it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tan-natura u l-bijodiversità, u s-sikurezza alimentari.
- (3) Il-ħamrija hija riżorsa naturali li tinsab dejjem iktar taħt pressjoni ambjentali u għandha fiha nnifisha tiġi protetta mit-tħarbit. Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1600/2002/KE tat-22 ta' Lulju 2002 li tniżżel is-Sitt Programm ta'

¹ [...]
² [...]
³ [...]
⁴ [...]

Azzjoni Ambjentali tal-Komunità⁵ tinkludi l-għan tal-protezzjoni tar-riżorsi naturali u l-promozzjoni ta' użu sostenibbli tal-ħamrija.

- (4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill "Lejn Strateġija Tematika dwar il-Protezzjoni tal-Ħamrija"⁶ tidentifika t-tmien proċessi ewlenin tat-tħarbit li jiffaċċaw il-ħamrija fl-UE. Dawn huma l-erożjoni, it-tnaqqis fil-materja organika, il-kontaminazzjoni, is-salinizzazzjoni, il-kompattazzjoni, it-telfien tal-bijodiversità, l-issiġillar, iż-żerżiq minn ġnub l-għoljiet u l-għargħar. L-għarfien xjentifiku kurrenti dwar il-bijodiversità tal-ħamrija u l-proċessi fiha huwa limitat wisq biex jippermetti dispożizzjonijiet speċifiċi f'din id-Direttiva bil-għan tal-protezzjoni tagħhom. Il-prevenzjoni u t-taffija ta' l-effetti ta' l-għargħar ġew indirizzati mill-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-evalwazzjoni u l-ġestjoni ta' l-ghargħar⁷.
- (5) Fil-Komunità hemm varjabbiltà kbira bejn it-tipi ta' ħamrija, u hemm differenzi enormi fil-qagħdiet strutturali, fiżiċi, kimiċi u bijoloġiċi, sew fi ħdan profili individwali kif ukoll bejn tipi differenti ta' ħamrija. Dawn il-kundizzjonijiet u ħtiġijiet diversi fil-Komunità għandhom jiġu kkunsidrati, minħabba li jirrikjedu soluzzjonijiet speċifiċi differenti għall-identifikazzjoni ta' żoni ta' riskju, id-definizzjoni ta' miri u t-twettk ta' miżuri f'lokhom biex jiżguraw il-protezzjoni tal-ħamrija.
- (6) Il-leġislazzjoni Komunitarja, pereżempju fl-oqsma ta' l-iskart, il-kimika, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis industrijali, it-tibdil fil-klima, l-ilma, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, tinkludi xi dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-ħamrija, imma dawn la huma maħsuba biex jipproteġu kull tip ta' ħamrija kontra l-proċessi kollha ta' tħarbit u lanqas ma huma biżżejjed biex jilhqqu dan il-għan. Għaldaqstant, hemm il-ħtieġa għal qafas leġislattiv koerenti u effikaċi, li jipprovdi prinċipji u miri komuni bil-għan tal-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-ħamrija fil-Komunità.
- (7) Il-ħamrija għandha tintuża b'mod sostenibbli li jikkonservalha l-kapaċità tagħha li tagħti servizzi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali, filwaqt li jmantnilha l-funzjonijiet tagħha sabiex il-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni jkunu jistgħu jissodisfaw ħtiġijiethom.
- (8) L-għan ta' din id-Direttiva huwa l-iżgurar tal-protezzjoni tal-ħamrija, fuq il-bażi tal-prinċipji tal-konservazzjoni tal-funzjonijiet tal-ħamrija, il-prevenzjoni tat-tħarbit tal-ħamrija u t-taffija ta' l-effetti tiegħu, ir-ristawr ta' ħamrija mħarbita u l-integrazzjoni f'politiki settorjali oħra permezz ta' l-istabbiliment ta' qafas u azzjonijiet komuni.
- (9) Qafas komuni huwa meħtieġ biex l-isforzi ta' l-Istati Membri jiġu artikulati, bil-għan tat-titjib tal-protezzjoni tal-ħamrija u l-użu sostenibbli tagħha, il-kontroll ta' l-effetti tat-tħarbit tal-ħamrija fuq pajjiżi oħra, il-protezzjoni ta' l-ekosistemi terrestri u akkwatiċi, u l-evitar tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi.
- (10) Ġaladarba l-għanijiet ta' l-azzjoni li għandha tittieħed, jiġifieri l-istabbiliment ta' qafas komuni għall-protezzjoni tal-ħamrija, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri, u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fuq il-livell Komunitarju minħabba l-iskala tal-problema u l-implikazzjonijiet tagħha rigward leġislazzjoni oħra tal-Komunità dwar il-

⁵ ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.

⁶ COM(2002) 179.

⁷ COM(2006) 15.

protezzjoni tan-natura u l-ilma, is-sikurezza alimentari, it-tibdil fil-klima, l-agrikoltura u oqsma ta' interess komuni, bħalma hija l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, il-Komunità għaldaqstant tisa' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif jidher fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif jidher f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.

- (11) Minħabba li xi politiki settorjali jistgħu jew jaggravaw jew itaffu l-proċessi tat-tħarbit tal-ħamrija, jeħtieġ li jkun hemm integrazzjoni ulterjuri ta' aspetti tal-protezzjoni tal-ħamrija f'dawn il-politiki. Din id-Direttiva għandha ttipprovdi biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jidentifikaw u jevalwaw l-impatt ta' dawn il-politiki fuq il-prevenzjoni tal-proċessi tat-tħarbit tal-ħamrija u l-protezzjoni tal-funzjonijiet tagħha.
- (12) B'kuntrast ma' l-arja u l-ilma, fil-Komunità, il-ħamrija fil-parti l-kbira tagħha hija proprjetà privata. Madankollu, hija riżorsa naturali ta' interess komuni, li jeħtieġ li tiġi protetta għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni. Fl-interess pubbliku għalhekk, l-utenti ta' l-art għandu jkollhom l-obbligu jieħdu miżuri ta' prekawzjoni meta jkun prevedibbli li l-użu li jagħmlu mill-ħamrija jista' jtellfilha l-funzjonijiet b'mod sinifikanti.
- (13) Is-siġillat qed jintensifika ruħu b'mod sinifikanti fil-Komunità, b'konsegwenza tat-tifrix tal-bliet u dejjem aktar domanda għall-art min-naħa ta' setturi differenti ta' l-ekonomija, u dan jinneċessita użu aktar sostenibbli tal-ħamrija. Jeħtieġ li jkun hemm miżuri adegwati biex is-siġillat tal-ħamrija jiġi limitat, pereżempju permezz tar-rijabilitazzjoni ta' siti industrijali żdingati (*brownfield sites*), u b'hekk jitnaqqas it-tnaqqir ta' l-artijiet naturali (*greenfield sites*). Fejn isegħ is-siġillat, l-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb li jkun hemm metodi ta' bini u drenaġġ li jikkonservaw l-ikbar għadd possibbli ta' funzjonijiet tal-ħamrija.
- (14) Politika mmirata u effiċjenti għall-protezzjoni tal-ħamrija għandha tissejjes fuq għarfien ta' fejn ikun qed isegħ it-tħarbit tal-ħamrija. Huwa magħruf li ċerti proċessi ta' tħarbit, bħalma huma l-erożjoni, it-tnaqqis fil-materja organika, il-kompattazzjoni, is-salinizzazzjoni u ż-żerżiq minn ġnub l-għoljiet jiġru f'żoni speċifiċi li huma esposti għar-riskju ta' proċessi bħal dawn. Dan jirrikjedi l-identifikazzjoni ta' żoni ta' riskju ta' dan it-tip.
- (15) Biex jiġi żgurat approċċ koerenti u komparabbli fl-Istati Membri differenti, l-identifikazzjoni taż-żoni mhedda mill-erożjoni, it-tnaqqis fil-materja organika, is-salinizzazzjoni, il-kompattazzjoni u ż-żerżiq minn ġnub l-għoljiet għandha tissejjes fuq metodoloġija komuni li tinkludi elementi li huma magħrufin bħala l-forzi li jmexxu l-proċessi varji ta' tħarbit.
- (16) Fiż-żoni ta' riskju identifikati, għandhom jittieħdu miżuri biex jipprevjenu t-tħarbit ulterjuri tal-ħamrija billi jnaqqsu s-sogru li tokkorri, u permezz tar-ristawr tal-ħamrija mħarbita biex jiġu kkonservati l-funzjonijiet tal-ħamrija.
- (17) Għandha tittieħed azzjoni, taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri, fil-livell li l-aktar ikun f'loku, fuq il-bażi ta' l-istabbiliment ta' miri għat-tnaqqis tar-riskju u programmi ta' miżuri biex daww il-miri jintlaħqu.
- (18) Programmi bħal dawn ta' miżuri għandhom jikkunsidraw ukoll l-impatt soċjali u ekonomiku tal-miżuri previsti; għandhom jiġu riveduti kull tant żmien u jistgħu jibnu

fuq obbligi, pjanijiet u programmi li diġà huma stabbiliti skond il-leġislazzjoni Komunitarja jew ftehimiet internazzjonali.

- (19) Din id-Direttiva għandha tagħti kontribut biex twaqqaf id-deżertifikazzjoni, li hija konsegwenza ta' proċessi paralleli ta' tħarbit, kif ukoll it-telfien tal-bijodiversità tal-ħamrija, u ttejjeb il-kooperazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika li l-Komunità hija parti fiha, u sejra ttejjeb l-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet ambjentali internazzjonali.
- (20) F'konformità mal-prinċipju tal-prevenzjoni kif stipulat fl-Artikolu 174 tat-Trattat tal-KE, din id-Direttiva għandha tagħti kontribut għall-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' l-introduzzjoni fil-ħamrija ta' sustanzi perikolużi, biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-ħamrija u jiġu kkonservati l-funzjonijiet tal-ħamrija.
- (21) L-industrijalizzazzjoni preċedenti, inkella prattiki ta' ġestjoni ħżiena jew mhux f'lokhom, ħallew warajhom mijiet ta' eluf ta' siti kkontaminati fil-Komunità, li jirrikjedu strateġija komuni għall-ġestjoni tal-kontaminazzjoni storika tal-ħamrija biex l-effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent jiġu prevenuti u mtaffija.
- (22) Biex b'suċċess jipprevjenu u jillimitaw ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ikkawżati mill-kontaminazzjoni tal-ħamrija, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw is-siti li, skond l-evalwazzjoni tagħhom, jirrappreżentaw riskji serji f'dan ir-rigward. Fid-dawl ta' l-għadd ta' siti li x'aktarx huma kkontaminati, l-identifikazzjoni tagħhom tirrikjedi approċċ sistematiku u pass pass. Jeħtieġ li titfassal skeda biex ikun hemm monitoraġġ tal-progress fl-identifikazzjoni tas-siti kkontaminati.
- (23) B'appoġġ għall-identifikazzjoni tas-siti kkontaminati u biex jiġi żgurat approċċ komuni, jeħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' attivitajiet li jkollhom potenzjal sinifikanti li jikkawżaw il-kontaminazzjoni tal-ħamrija. Din il-lista komuni ta' attivitajiet li potenzjalment jistgħu jniġġsu l-ħamrija tista' tkun supplimentata b'listi aktar komprensivi adottati fuq il-livell nazzjonali.
- (24) L-identifikazzjoni ta' siti kkontaminati għandha tkun riflessa f'inventarju nazzjonali ta' siti kkontaminati, li għandha tiġi aġġornata regolarment u titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku biex in-nies tkun tista' tikkonsultaha. Għandhom jiġu kkunsidrati l-isforzi preċedenti u tal-preżent min-naħa ta' l-Istati Membri biex jidentifikaw is-siti kkontaminati.
- (25) Biex jgħin fl-identifikazzjoni rapida ta' siti kkontaminati, il-proprjetarju ta' sit li fih, skond ir-reġistri uffiċjali bħalma huma r-reġistri nazzjonali jew katasti, tkun seħħet jew qed isseħħ attività li tniġġes il-ħamrija, jew ix-xerrej prospettiv għandu, qabel ma jtemm it-tranżazzjoni tax-xiri ta' l-artijiet, jagħti tagħrif rilevanti dwar il-qagħda tal-ħamrija lill-awtorità kompetenti u lill-parti l-oħra fit-tranżazzjoni. L-għoti ta' tagħrif bħal dan kulmeta tkun qed tiġi pplanata tranżazzjoni fl-artijiet għandu jgħin iħaffef it-tlestija ta' l-inventarju tas-siti kkontaminati. Lix-xerrej prospettiv, dan sejjeg jagħmlu konxju tal-qagħda tal-ħamrija u ma jhallihx fil-għama huwa u jagħmel l-għażla.

- (26) Fil-kunsiderazzjoni tal-prinċipju li min iniġġes għandu jħallas, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tittieħed l-azzjoni biex jiġi tranġaw is-siti kkontaminati li jkunu ġew identifikati fit-territorju nazzjonali tagħhom.
- (27) Għandha tiġi stabbilita Strateġija Nazzjonali għat-Tranġar, partikolarment għall-finijiet tad-definizzjoni ta' miri għat-tranġar u l-ordni prijoritarju li bih għandhom jiġi tranġaw is-siti.
- (28) F'dawk is-siti kkontaminati li min ikun niġġes ma jkunx jista' jinstab, jinżamm responsabbli għat-tniġġis skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew Komunitarja jew inkella ma jkunx jista' jiġi mġiegħel iħallas l-ispejjeż tat-tranġar, magħrufa wkoll bħala siti orfni, ir-responsabbiltà għat-tnaqqis tar-riskju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent għandha taqa' fuq l-Istati Membri. Għal dawn il-finijiet, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi speċifiċi ta' finanzjament biex jiżguraw għajn dejjiema ta' finazi għat-tranġar ta' siti bħal dawn.
- (29) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/35/KE tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali⁸ tistabbilixxi li, għas-siti orfni, l-azzjoni ta' rimedju tista' tittieħed min-naħa ta' l-awtorità kompetenti, wara li l-possibbiltajiet l-oħra jkunu eżawsti. Dik id-Direttiva għaldaqstant għandha tiġi emendata sabiex issir konformi ma' l-obbligi ta' tranġar stipulati f'din id-Direttiva.
- (30) Ftit hemm kuxjenza pubblika dwar l-importanza tal-protezzjoni tal-ħamrija, u għalhekk jeħtieġ li jiddaħħlu miżuri biex itejbu l-għarfien, l-iskambju tat-tagħrif u ta' l-aħjar prattika.
- (31) Is-suċċess ta' din id-Direttiva jserraħ fuq il-kooperazzjoni mill-qrib u l-azzjoni koerenti fuq il-livelli tal-Komunità, ta' l-Istati Membri u dawk lokali, kif ukoll fuq l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-involviment tal-pubbliku, skond l-obbligi tal-Komunità taħt il-Konvenzjoni ta' Aarhus ta' l-UNECE dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali. Għaldaqstant, għat-tħejjija, il-modifika u r-reviżjoni tal-programmi ta' miżuri dwar iż-żoni ta' riskju u l-Istrateġija Nazzjonali għat-Tranġar, huwa f'loku li jsir provvediment għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/35/KE tas-26 ta' Mejju 2003 li ttiprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjanijiet u programmi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja⁹.
- (32) Huwa rikonoxxut li, fl-Istati Membri, illum jiġu applikati metodoloġiji differenti għall-evalwazzjoni tar-riskji għas-siti kkontaminati. Sabiex nimxu lejn approċċ komuni li jiżgura kundizzjonijiet newtrali ta' kompetizzjoni u sistema koerenti tal-protezzjoni tal-ħamrija, jeħtieġ li jkun hemm skambju komprensiv ta' tagħrif sew biex jiġi stabbilit kemm tkun f'lokha l-armonizzazzjoni ta' ċerti elementi ta' l-evalwazzjoni tar-riskji, kif ukoll biex jiżviluppaw u jittejbu aktar il-metodoloġiji dwar l-evalwazzjoni tar-riskju ekotossikoloġiku.

⁸ ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56.

⁹ ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17.

- (33) Għandu jsir provvediment ukoll biex jippermetti l-adattament rapidu ta' metodi ta' l-identifikazzjoni ta' żoni ta' riskju fl-Istati Membri, inklużi r-reviżjonijiet regolari ta' l-elementi komuni li jkun fihom.
- (34) Għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet dwar il-formati ta' l-iskambju tat-tagħrif u l-kriterji tal-kwalità tad-*data*, u dawn jeħtiġilhom ikunu konsistenti ma' l-istabbiliment ta' kwalunkwe infrastruttura għall-informazzjoni dwar l-ispazji fil-Komunità.
- (35) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, għandha l-għan li tippromwovi l-integrazzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali fil-politiki tal-Komunità, f'konformità mal-prinċipju ta' l-iżvilupp sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.
- (36) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni¹⁰,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Kapitolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Is-suġġett u l-ambitu

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ħamrija u l-konservazzjoni tal-kapaċità tal-ħamrija biex taqdi kwalunkwe funzjoni ambjentali, ekonomika, soċjali u kulturali minn dawn li ġejjin:
- (a) il-produzzjoni tal-bijomassa, inkluża dik fl-agrikoltura u fil-kultivazzjoni tal-foresti;
 - (b) li taħżen, tiffiltra u tittrasforma n-nutrijenti, is-sustanzi u l-ilma;
 - (c) il-ġabra tal-bijodiversità, bħall-ħabitats, l-ispeċijiet u l-ġeni;
 - (d) li ttipprovdi ambjent fiżiku u kulturali għall-bnedmin u għall-attivitajiet tal-bniedem;
 - (e) li tkun sors ta' materja prima;
 - (f) li sservi bħala ħażna tal-karbon;

¹⁰ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

(g) li taqdi rwol ta' arkivju tal-wirt ġeoloġiku u arkeoloġiku.

Għal dak il-għan, tistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-proċessi tat-tħarbit tal-ħamrija, sew dawk li jokkorru naturalment kif ukoll dawk ikkawżati minn firxa wiesgħa ta' attivitajiet tal-bniedem, li jnawru l-kapaċità tal-ħamrija biex taqdi dawk il-funzjonijiet. Miżuri bħal dawn jinkludu t-taffija ta' l-effetti ta' dawk il-proċessi, u r-ristawr u t-tranġar ta' ħamrija mħarbita għal livell ta' funzjonalità li talanqas ikun konsistenti ma' l-użu tal-preżent u dak approvat għall-ġejjieni.

2. Id-Direttiva għandha tapplika għall-ħamrija li tiffirma s-saff tal-wiċċ ta' l-art tad-Dinja, bejn il-blat tal-qiegħ u l-wiċċ, bl-esklużjoni ta' l-ilma tal-pjan kif definit fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE¹¹.

Artikolu 2 *Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) l-espressjoni 'siġillar' tfisser l-għata permanenti tal-wiċċ tal-ħamrija permezz ta' materjal impermeabbli;
- (2) 'sustanzi perikolużi' tfisser sustanzi jew preparazzjonijiet skond it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KE¹² u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1999/45/KE¹³.

Artikolu 3 *L-integrazzjoni*

Fl-iżvilupp ta' politiki settorjali li x'aktar li jaggravaw jew itaffu l-proċessi tat-tħarbit tal-ħamrija, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw, jiddeskrivu, u jevalwaw l-impatti ta' daw il-politiki fuq dawn il-proċessi, partikolarment fl-oqsma ta' l-ippjanar ta' l-ispazji reġionali u urbani, it-trasport, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali, il-kultivazzjoni tal-foresti, l-estrazzjoni tal-materja prima, il-kummerċ u l-industrija, il-politika dwar il-prodotti, it-turiżmu, it-tibdil fil-klima, l-ambjent, in-natura u l-pajsaġġ.

L-Istati Membri għandhom jippubblikaw dawk ir-riżultati.

Artikolu 4 *Miżuri ta' prekawzjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe utent ta' l-art li l-azzjonijiet tiegħu jaffettwaw il-ħamrija b'mod li raġunevolment ikun prevedibbli li b'mod sinifikanti se jjer itellef il-funzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 1(1) ikollu l-obbligu li jieħu l-prekawzjonijiet biex dawn l-effetti ħżiena jipprevenijom jew jimminimizzahom.

¹¹ ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

¹² ĠU L 196, 16.8.1967, p. 1.

¹³ ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1.

Artikolu 5
Is-sigillar

Għall-finijiet tal-konservazzjoni tal-funzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jillimitaw is-siġillar, jew, meta jkun se jseħħ is-siġillar, li jtaffu l-effetti tiegħu, partikolarment bl-użu ta' metodi u prodotti tal-bini li jħallu ż-żamma ta' l-akbar għadd possibbli ta' dawk il-funzjonijiet.

Kapitolu II
Il-prevenzjoni tar-riskju, it-taffija u r-ristawr

L-EWWEL SEZZJONI
L-IDENTIFIKAZZJONI TAŻ-ŻONI F'RISKJU

Artikolu 6

L-identifikazzjoni taż-żoni friskju ta' l-erożjoni, it-tnaqqis fil-materja organika, il-kompattazzjoni, is-salinizzazzjoni u ż-żerżiq minn ġnub l-għoljiet

1. Fi żmien ħames snin minn [id-data tat-traspożizzjoni], l-Istati Membri, fil-livell li jkun floku, għandhom jidentifikaw iż-żoni fit-territorju nazzjonali tagħhom, minn hawn 'il quddiem "iż-żoni friskju", fejn ikun hemm evidenza deċiżiva jew raġunijiet leġittimi għas-suspett li jkun(u) seħħ(ew), jew se jseħħ(u) fil-futur qarib, wieħed jew aktar mill-proċessi li ġejjin tat-tħarbit tal-ħamrija:
 - (a) erożjoni mill-ilma jew ir-riħ;
 - (b) it-tnaqqis fil-materja organika kkawżat minn xejra 'l isfel kostanti fil-proporzjon organika fil-ħamrija, bl-esklużjoni ta' residwi mhux imħassra ta' pjanti u annimali, il-prodotti tad-dekompożizzjoni parzjali tagħhom, u l-bijomassa tal-ħamrija;
 - (c) il-kompattazzjoni permezz ta' żieda fid-densità tal-massa u tnaqqis fil-porożità tal-ħamrija;
 - (e) is-salinizzazzjoni permezz ta' akkumulazzjoni fil-ħamrija ta' mluħat solubbli;
 - (f) żerżiq minn ġnub l-għoljiet ikkawżat mill-moviment moderatament rapidu jew rapidu ta' mases ta' ħamrija u ġebel 'l isfel ma' pendil.

Għall-finijiet ta' dik l-identifikazzjoni, fir-rigward ta' kull wieħed minn dawn il-proċessi ta' tħarbit tal-ħamrija, l-Istati Membri għandhom jużaw talanqas l-elementi elenkati fl-Anness I, u għandhom iqisu l-effetti ta' dawk il-proċessi fl-iggravar ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet bl-effett ta' serra u d-deżertifikazzjoni.

2. Iż-żoni friskju identifikati skond il-paragrafu 1 għandhom jiġu ppubblikati u riveduti talanqas darba kull għaxar snin.

Artikolu 7
Il-Metodoloġija

L-Istati Membri jistgħu jibbażaw l-identifikazzjoni taż-żoni ta' riskju fuq l-evidenza empirika jew fuq it-tfassil ta' mudelli. Jekk jintużaw il-mudelli, dawn jeħtiġilhom ikunu validati permezz tat-tqabbil tar-riżultati fuq il-bażi ta' *data* empiriċi li ma jkunux intużaw għall-iżvilupp tal-mudell innifsu.

IT-TIENI SEZZJONI
L-ISTABILIMENT TA' MIRI U PROGRAMMI TA' MIŻURI

Artikolu 8

Programmi ta' miżuri kontra l-erożjoni, it-tnaqqis fil-materja organika, il-kompattazzjoni, is-salinizzazzjoni u ż-żerżiq minn għub l-għoljiet

1. Għall-finijiet tal-konservazzjoni tal-funzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikoli 1(1), fir-rigward taż-żoni ta' riskju li jkunu ġew identifikati skond l-Artikolu 6, l-Istati Membri għandhom, fil-livell li jkun f'loku, ifasslu programm ta' miżuri li jkun jinkludi talanqas miri għat-tnaqqis tar-riskju, il-miżuri xierqa għall-ilħiq ta' dawk il-miri, skeda għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri u stima ta' l-allokazzjoni tal-mezzi privati jew pubbliċi għall-finanzjament ta' dawk il-miżuri.

2. Fit-tfassil u r-reviżjoni tal-miżuri skond il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jagħtu l-kunsiderazzjoni mistħoqqa lill-impatti soċjali u ekonomiċi tal-miżuri previsti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri jkunu ta' spiża effikaċi u teknikament fattibbli, u għandhom iwettqu evalwazzjonijiet ta' l-impatt, inkluża l-analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji, qabel l-introduzzjoni tal-programmi ta' miżuri.

Fil-programmi ta' miżuri tagħhom, l-Istati Membri għandhom jindikaw kif ikunu sejrin jiġu implimentati l-miżuri u kif ikunu sejrin jagħtu kontribut għall-ilħiq tal-miri ambjentali li jkunu ġew stabbiliti.

3. Meta żona tkun mhedda fl-istess ħin minn proċessi differenti tat-tħarbit tal-ħamrija, l-Istati Membri jistgħu jadottaw programm waħdieni li fih għandhom jiġu stabbiliti miri għat-tnaqqis tar-riskju għar-riskji kollha li jkunu ġew identifikati, flimkien mal-miżuri xierqa għall-ilħiq ta' dawk il-miri.
4. Il-programm ta' miżuri għandu jitfassal fi żmien seba' snin minn [id-data tat-traspożizzjoni], u għandhom jiġu applikati mhux aktar tard minn tmien snin wara dik id-data.

Il-programm ta' miżuri għandu jiġi ppubblikat u rivedut talanqas darba kull ħames snin.

Kapitolu III

Il-kontaminazzjoni tal-ħamrija

L-EWWEL SEZZJONI

IL-PREVENZJONI U L-INVENTARJU

Artikolu 9

Il-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija

Għall-finijiet tal-konservazzjoni tal-funzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa u proporzjonati biex jillimitaw it-tqegħid ta' sustanzi perikolużi fuq il-ħamrija jew l-introduzzjoni tagħhom fiha, ħlief għal dawk li jiġu ddepożitati mill-arja u dawk ikkawżati minn fenomeni naturali ta' karattru eċċezzjonali, inevitabbli u mhux rezistibbli, sabiex jevitaw l-akkumulazzjoni li ttleff il-funzjonijiet tal-ħamrija jew twassal għal riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.

Artikolu 10

Inventarju ta' siti kontaminati

1. L-Istati Membri, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11, għandhom jidentifikaw dawk is-siti fit-territorju nazzjonali tagħhom li jkun fihom il-preżenza, ikkawżata mill-bniedem, ta' sustanzi perikolużi flivell tali li Stati Membri jqisu li jirrappreżenta riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, minn hawn 'il quddiem "siti kontaminati".

Dak ir-riskju għandu jiġi evalwat bil-kunsiderazzjoni ta' l-użu kurrenti ta' l-art u dak approvat għall-ġejjieni.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu inventarju nazzjonali ta' siti kontaminati, minn hawn 'il quddiem "l-inventarju". L-inventarju għandu jiġi ppubblikat u rivedut talanqas darba kull ħames snin.

Artikolu 11

Il-proċedura ta' l-identifikazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità kompetenti biex tkun responsabbli għall-identifikazzjoni tas-siti kontaminati.
2. Fi żmien ħames snin minn [id-data tat-traspożizzjoni], l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu laħqu identifikaw il-lok talanqas ta' dawk is-siti li fihom ikunu qed isseħħu jew ikun seħħew fl-imgħoddi l-attivitajiet li potenzjalment iniġġsu l-ħamrija msemmija fl-Anness II.

Għal dawk il-finijiet, l-attivitajiet imsemmija fil-punt 2 ta' l-Anness II għandhom jiqiesu indipendentement mal-livelli ta' limitu speċifikati fl-Anness I tad-Direttiva

tal-Kunsill 96/61/KE¹⁴, ħlief għall-attivitajiet imwettqa minn mikroimpriżi, kif definiti fil-punt 3 ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE¹⁵, u dawk li jirrigwardaw it-trobbija tal-bhejjem.

L-identifikazzjoni għandha tiġi riveduta kull tant żmien.

3. F'konformità ma' l-iskeda li ġejja, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikejlu l-livelli ta' konċentrazzjoni ta' sustanzi perikolużi fis-siti identifikati skond il-paragrafu 2, u fejn il-livelli jkunu tali li jista' jkun hemm raġunijiet sostanzjali għall-fehma li jkunu jirrappreżentaw riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, għandha ssir evalwazzjoni tar-riskju fil-post rigward dawk is-siti.
 - (a) fi żmien ħames snin minn [id-data tat-traspożizzjoni], għal talanqas 10% tas-siti;
 - (b) fi żmien 15-il sena minn [id-data tat-traspożizzjoni], għal talanqas 60% tas-siti;
 - (c) fi żmien 25 sena minn [id-data tat-traspożizzjoni], għall-bqija tas-siti

Artikolu 12

Rapport dwar il-qagħda tal-ħamrija

1. Meta jkun se jinbiġh sit li fih tkun qed isseħħ attività li potenzjalment tniġġes elenkata fl-Anness II, jew li fih, skond ir-reġistri uffiċjali, bħalma huma reġistri nazzjonali, tkun seħħet fl-imġhoddi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proprietarju tas-sit jew ix-xerrej prospettiv jagħmel disponibbli għall-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 11 kif ukoll għall-parti l-oħra fit-tranżazzjoni rapport dwar il-qagħda tal-ħamrija.
2. Ir-rapport dwar il-qagħda tal-ħamrija għandu jinħareġ minn korp awtorizzat jew minn persuna maħtura mill-Istat Membru. Għandu jinkludi d-dettalji li ġejjin:
 - (a) l-isfond storiku tas-sit, kif ikun disponibbli mir-reġistri uffiċjali;
 - (b) analiżi kimika li tiddetermina l-livelli ta' konċentrazzjoni tas-sustanzi perikolużi fil-ħamrija, li tillimita ruħha għal dawk is-sustanzi li jkunu marbuta ma' l-attività b'potenzjal ta' tniġġis fis-sit;
 - (c) il-livelli ta' konċentrazzjoni li fihom ikun hemm raġunijiet suffiċjenti għall-fehma li s-sustanzi perikolużi kkonċernati jkunu jirrappreżentaw riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-metodoloġija meħtieġa għad-determinazzjoni tal-livelli ta' konċentrazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(b).

¹⁴ ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26.

¹⁵ ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

4. L-informazzjoni fir-rapport dwar il-qagħda tal-ħamrija għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' l-identifikazzjoni tas-siti kontaminati skond l-Artikolu 10(1).

IT-TIENI SEZZJONI IT-TRANĠAR

Artikolu 13 It-Tranġar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-siti kontaminati elenkati fl-inventorji tagħhom jiġu rranġati.
2. It-tranġar għandu jikkonsisti f'azzjonijiet fuq il-ħamrija bil-għan tat-tneħħija, il-kontroll, it-trażżin jew it-tnaqqis ta' kontaminanti b'tali mod li s-sit kontaminat, fil-qies ta' l-użu kurrenti u dak futur approvat tiegħu, ma jibqax jirrappreżenta riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi adegwati biex jiffinanzjaw it-tranġar tas-siti li għalihom, suġġett għall-prinċipju li min iniġġes għandu jħallas, ma tkunx tista' tiġi identifikata l-persuna responsabbli għat-tniġġis, jew ma tkunx tista' tinżamm responsabbli skond il-liġi tal-Komunità jew dik nazzjonali, jew ma tkunx tista' ssir responsabbli għal-ispejjeż tat-tranġar.

Artikolu 14 Strateġija Nazzjonali għat-Tranġar

1. L-Istati Membri għandhom, fuq il-bażi ta' l-inventarju u fi żmien seba' snin minn [id-data tat-traspożizzjoni], ifasslu Strateġija Nazzjonali għat-Tranġar, li jkunu jinkludu talanqas il-miri tat-tranġar, prijoritizzazzjoni, bl-ewwel dawk is-siti li jirrappreżentaw riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem, kalendarju għall-implimentazzjoni, u l-fondi allokatu mill-awtoritajiet responsabbli għad-deċiżjonijiet tal-baġit fl-Istati Membri skond il-proċeduri nazzjonali tagħhom.

Meta jiġu applikati t-trażżin jew l-irkupru naturali, għandha tiġi ssorveljata l-evoluzzjoni tar-riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem.
2. L-Istrateġija Nazzjonali għat-Tranġar għandha tiġi applikata u ppubblikata mhux aktar tard minn tmien snin wara [id-data tat-traspożizzjoni]. Għandha tiġi riveduta talanqas darba kull ħames snin.

Kapitolu IV

It-tkattir tal-kuxjenza, ir-rappurtar u l-iskambju ta' l-informazzjoni

Artikolu 15

It-tkattir tal-kuxjenza u l-parteciċipazzjoni pubblika

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex ikatru l-kuxjenza dwar l-importanza tal-ħamrija għas-sopravivenza tal-bniedem u ta' l-ekosistemi, u biex jippromwovu t-trasferiment ta' l-għarfien u l-esperjenza għall-użu sostenibbli tal-ħamrija.
2. L-Artikolu 2(1), (2), (3) u (5) tad-Direttiva 2003/35/KE għandha tapplika għall-preparazzjoni, tibdil u reviżjoni tal-programmi ta' miżuri dwar iż-żoni ta' riskju msemija fl-Artikolu 8 u l-Istrateġija Nazzjonali għat-Tranġar msemija fl-Artikolu 14.

Artikolu 16

Ir-Rappurtar

1. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu t-tagħrif li ġej għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni fi żmien tmien snin minn [id-data tat-traspożizzjoni], u mbagħad kull ħames snin:
 - (a) sommarju ta' l-inizjattivi meħuda skond l-Artikolu 5;
 - (b) iż-żoni ta' riskju stabbiliti skond l-Artikolu 6(1);
 - (c) il-metodoloġija użata għall-identifikazzjoni tar-riskji skond l-Artikolu 7;
 - (d) il-programmi ta' miżuri adottati skond l-Artikolu 8, kif ukoll evalwazzjoni ta' l-effiċjenza tal-miżuri għat-tnaqis tar-riskji u l-okkorrenza ta' proċessi tat-tħarbit tal-ħamrija;
 - (e) ir-riżultat ta' l-identifikazzjoni skond l-Artikolu 11(2) u (3) u l-inventarju tas-siti kontaminati stabbilit skond l-Artikolu 10(2);
 - (f) l-Istrateġija Nazzjonali għat-Tranġar adottat skond l-Artikolu 14;
 - (g) sommarju ta' l-inizjattivi meħuda skond l-Artikolu 15 f'dak li għandu x'jaqsam mat-tkattir tal-kuxjenza.
2. L-informazzjoni msemija fil-paragrafu 1(b) għandha tkun akkumpanjata minn *metadata*, u għandha ssir disponibbli bħala *data* diġitali dokumentata bil-georeferenzi, f'format li jista' jinqara minn sistema informatizzata ġeografika (*GIS*).

Artikolu 17
L-iskambju ta' l-informazzjoni

Fi żmien sena minn [id-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma għall-iskambju ta' l-informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-partijiet interessati dwar l-identifikazzjoni taż-żoni ta' riskju skond l-Artikolu 6 u dwar il-metodoloġiji għall-evalwazzjoni tar-riskji għas-siti kontaminati li jkunu qed jintużaw jew qed jiġu żviluppati.

Kapitolu V
Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 18
L-implimentazzjoni u l-adattament għall-progress tekniku

1. Il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju msemmija fl-Artikolu 19(3), tadatta l-Anness I għall-progress tekniku u xjentifiku.
2. Fejn, fuq il-bażi ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni msemmi fl-Artikolu 17, tiġi identifikata hteġa għall-armonizzazzjoni tal-metodoloġiji għall-evalwazzjoni tar-riskji ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija, il-Kummissjoni għandha tadotta kriterji komuni għall-evalwazzjoni tar-riskji ta' kontaminazzjoni skond il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju msemmija fl-Artikolu 19(3).
3. Fi żmien erba' snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 19(2), id-dispożizzjonijiet meħtieġa dwar il-kwalità tad-*data* u l-*metadata*, l-użu tad-*data* storika, il-metodi, l-aċċess, u l-formati għall-iskambju tad-*data* għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 16.

Artikolu 19
Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat, minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat".
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, bil-qies tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.
3. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a, paragrafi 1 sa 4, u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
4. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 20
Ir-rapport tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien sentejn mill-wasla tal-programmi ta' miżuri u ta' l-Istrateġiji Nazzjonali għat-Tranġar.

Minn dak iż-żmien 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapporti ulterjuri kull ħames snin.

Għandha tressaq ir-rapporti quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

2. Ir-rapporti li dwarhom jipprovdi il-paragrafu 1 għandu jinkludi reviżjoni tal-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, fuq il-bażi ta' l-evalwazzjonijiet magħmulin mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 16.

Article 21
Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ] u, fejn dan ikun f'loku, tipproponi kwalunkwe emenda meħtieġa.

Article 22
Penalitajiet

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu implimentati. Il-penali stabbiliti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissuazivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mid-data speċifikata fl-Artikolu 24, u jinnotifikawha wkoll bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwa dawn id-dispożizzjonijiet.

Article 23
Emenda għad-Direttiva 2004/35/KE

Fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/35/KE, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

“3. L-awtorità kompetenti għandha tesiġi l-miżuri ta' tranġar li l-operatur għandu jieħu. Suġġett għall-Artikolu 13(1) tad-Direttiva xx/xx/xx, jekk l-operatur jonqos milli jikkonforma ma' l-obbligi stipulati fil-paragrafi 1 jew 2(b), (c) jew (d) ta' dan l-Artikolu, jew ma jkunx jista' jiġi identifikat, jew ma jkunx obligat jerfa' l-ispejjeż taħt din id-Direttiva, dawk il-miżuri jistgħu jittieħdu mill-awtorità kompetenti nnifisha.”

Artikolu 24
It-traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ]. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkompanjati minn tali referenza, fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif ikun għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 25
Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 26
Id-Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

SEZZJONI 1	
ELEMENTI KOMUNI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TAŻ-ŻONI F'RISKJU TA' EROŻJONI	
Unità tipoloġika tal-ħamrija (<i>STU</i>) (it-tip ta' ħamrija)	
In-nisġa (<i>texture</i>) tal-ħamrija	
Id-densità u l-karatteristiċi idrawliċi tal-ħamrija (livell <i>STU</i>)	
It-topografija, bl-inklużjoni tal-grad u t-tul tal-pendil	
Kopertura ta' l-art	
L-użu ta' l-art (inklużi l-ġestjoni ta' l-artijiet, is-sistemi agrikoli u l-koltivazzjoni tal-foresti)	
Il-klima (inkluża d-distribuzzjoni tax-xita u l-karatteristiċi tar-rjieħ)	
Il-kundizzjonijiet idroloġiċi	
Żona agroekoloġika	

SEZZJONI 2
ELEMENTI KOMUNI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TAŻ-ŻONI F'RISKJU TA' TNAQQIS TAL-MATERJA ORGANIKA
Unità tipoloġika tal-ħamrija (<i>STU</i>) (it-tip ta' ħamrija)
In-nisġa (<i>texture</i>) tal-ħamrija/il-kontenut ta' tafal
Karbon organiku fil-ħamrija (it-total u l-konċentrazzjoni tal-ħumus)
Karbon organiku fil-ħamrija (stokk)
Il-klima (inkluża d-distribuzzjoni tax-xita u l-karatteristiċi tar-rjieħ)
It-topografija
Kopertura ta' l-art
L-użu ta' l-art (inklużi l-ġestjoni ta' l-artijiet, is-sistemi agrikoli u l-koltivazzjoni tal-foresti)

SEZZJONI 3 ELEMENTI KOMUNI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TAŻ-ŻONI F'RISKJU TA' KOMPATTAZZJONI
Unità tipoloġika tal-ħamrija (<i>STU</i>) (it-tip ta' ħamrija)
In-nisġa (<i>texture</i>) tal-ħamrija tal-wiċċ u tal-qiegħ (livell <i>STU</i>)
Id-densità tal-massa tal-ħamrija tal-wiċċ u tal-qiegħ (livell <i>STU</i>)
Il-materja organika fil-ħamrija (livell <i>STU</i>)
Il-klima
Kopertura ta' l-art
L-użu ta' l-art (inklużi l-ġestjoni ta' l-artijiet, is-sistemi agrikoli u l-koltivazzjoni tal-foresti)
It-topografija

SEZZJONI 4 ELEMENTI KOMUNI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TAŻ-ŻONI F'RISKJU TA' SALINIZZAZZJONI
Unità tipoloġika tal-ħamrija (<i>STU</i>) (it-tip ta' ħamrija)
In-nisġa (<i>texture</i>) tal-ħamrija
Il-karatteristiċi idrawliċi tal-ħamrija
Iż-żoni tas-saqi, il-karatteristiċi kimiċi ta' l-ilma tas-saqi u t-tipi ta' metodi ta' saqi użati
Tagħrif dwar l-ilma tal-pjan
Il-klima

SEZZJONI 5
ELEMENTI KOMUNI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TAŻ-ŻONI F'RISKJU TA' ŻERŻIQ MINN ĠNUB L-GHOLJET
Unità tipoloġika tal-ħamrija (<i>STU</i>) (it-tip ta' ħamrija)
Okkorrenza/densità taż-żerżiq eżistenti
Il-blat tal-qiegħa
It-topografija
Kopertura ta' l-art
L-użu ta' l-art (inklużi l-ġestjoni ta' l-artijiet, is-sistemi agrikoli u l-koltivazzjoni tal-foresti)
Il-klima
Ir-riskju siżmiku

ANNESS II

Lista ta' attivitajiet b'potenzjal ta' tniġġis tal-ħamrija

1. Stabbilimenti fejn ikunu jew kienu preżenti sustanzi perikolużi fi kwantitajiet daqs jew aktar minn dawk indikati fil-Partijiet 1 u 2, il-kolonna 2, ta' l-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (Seveso)¹⁶.
2. L-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE.
3. L-ajruporti.
4. Il-portijiet.
5. Siti li dari kienu militari.
6. Stazzjonijiet tal-petrol u l-mili tal-fjuwil.
7. *Dry cleaners*.
8. Stallazzjonijiet minerarji mhux koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE, inklużi l-faċilitajiet għall-estrazzjoni mill-iskart kif definiti fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2006/21/KE¹⁷.
9. Landfills ta' skart kif definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE¹⁸.
10. Stallazzjonijiet tat-trattament ta' l-ilma ta' l-iskart.
11. *Pipelines* għat-trasport tas-sustanzi perikolużi.

¹⁶ ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13.

¹⁷ ĠU L 102, 14.1.1967, p. 15.

¹⁸ ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1.